31980L0368

IL-ĦDAX-IL DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tas-26 ta' Marzu 1980
dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ - esklużjoni tad-dipartimenti *overseas* Franċiżi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 77/388/KEE

(80/368/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 99 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 227(2) tat-Trattat jeħtieġ illi l-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom, fil-kwadru tal-proċeduri previsti fit-Trattat, jieħdu ħsieb li l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tad-dipartimenti *overseas* Franċiżi ikun possibbli;

Billi, skond is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-10 ta' Ottubru 1978 fil-Każ 148/77, it-Trattat u l-leġislazzjoni sekondarja japplikaw għad-dipartimenti *overseas* Franċiżi għajr jekk tittieħed deċiżjoni mill-istituzzjonijiet Komunitarji li jadottaw miżuri partikolarment adatti għall-kondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali ta' dawk id-dipartimenti;

Billi, għal raġunijiet konnessi mas-sitwazzjoni ġeografika, ekonomika u soċjali tagħhom, id-dipartimenti *overseas* Franċiżi għandhom jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE ([1]);

Billi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma tinvolvix emendi għal-liġijiet ta' l-Istati Membri;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 77/388/KEE:

"— Ir-Repubblika Franċiża:

— id-dipartimenti *overseas*."

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Jannar 1979.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, is-26 ta' Marzu 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MARCORA

([1]) ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1.